V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11131 – PIERER / LEONI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 194/07)

1. Fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Dipl. Ing. Stefan Pierer ("Mr Pierer", l-Awstrija), persuna fiżika,

— LEONI AG, kumpannija kkwotata fil-Borża ("LEONI", il-Ġermanja). L-ebda wieħed mill-azzjonisti tagħha ma jeżerċita influwenza deċiżiva fuq LEONI.

Pierer se jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' LEONI.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Pierer jikkontrolla lil Pierer Industrie AG ("PIAG"). PIAG huwa grupp ta' investiment industrijali Awstrijak attiv fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' muturi, roti elettriċi u komponenti għal vetturi motorizzati b'żewġ roti; l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-manutenzjoni u d-distribuzzjoni ta' sistemi mekkaniċi ta' teknoloġija avvanzata għal komponenti dinamiċi għat-tlielaq, karozzi lussużi u ajrunawtika; u l-produzzjoni ta' brejkijiet, pompi u komponenti tal-magna effiċjenti tas-CO_2. PIAG huwa attiv madwar id-dinja,

— LEONI hija fornitur globali ta' prodotti, soluzzjonijiet u servizzi għall-ġestjoni tal-enerġija u tad-*data* fl-industrija tal-karozzi. B'mod speċifiku, LEONI tipprovdi cables standardizzati u cables tad-*data* għal sistemi ta' wires.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11131 – PIERER / LEONI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË